



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.10.2017
COM(2017) 615 final

ITTRA EMENDATORJA Nru 1 TAL-ABBOZZ TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2018

Aġġornament tal-ħtiġijiet stmati għan-nefqa agrikola u aġġustamenti oħra (riżerva għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, aġenziji u nefqa amministrattiva)

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu,
- l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, kif adottat mill-Kummissjoni fit-18 ta' Lulju 2017²,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Ittra Emendatorja Nru 1 tal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 għar-raġunijiet stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

BIDLJET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa taqsima b'taqsima huma disponibbli fil-EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

¹ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

² COM(2017) 400, 29.6.2017.

WERREJ

1.	INTRODUZZJONI.....	4
2.	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)	4
2.1	ĦARSA ĠENERALI.....	4
2.2	KUMMENTI DETTALJATI.....	6
2.3	L-EFFETT KOMBINAT FUQ AB 2018.....	7
3.	IL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UNJONI EWROPEA (FSUE).....	9
4.	AĠENZIJI	9
4.1	AWTORITÀ EWROPEA TAT-TITOLI U S-SWIEQ (ESMA)	9
4.2	IL-FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TITJIB TAL-KUNDIZZJONIJIET TAL-ĦAJJA U TAX-XOGĦOL (EUROFOUND).....	10
4.3	AĠENZIJA EŻEKUTTIVA GĦALL-EDUKAZZJONI, L-AWDJOVIŻIV U L-KULTURA (EACEA).....	11
5.	AMMINISTRAZZJONI.....	11
5.1	L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF).....	11
5.2	L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET (OP)	11
5.3	IS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA (SEAE).....	12
5.3.1	<i>L-involviment fil-futur tal-UE mal-Afganistan wara t-tmiem tal-mandat b'funzjoni doppja tar-RSUE għall-Afganistan.....</i>	<i>12</i>
5.3.2	<i>Tranżizzjoni ta' ċerti kompiti għall-Monitoraġġ, l-Iggwidar u l-Konsulenza (MIK) minn EULEX Kosovo għall-Uffiċċju tal-UE fil-Kosovo.....</i>	<i>13</i>
5.3.3	<i>Linja baġitarja separata għall-kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej</i>	<i>14</i>
5.3.4	<i>L-effett kombinat fuq AB2018.....</i>	<i>14</i>
6.	TABELLA TA' SOMMARJU SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP	15

1. INTRODUZZJONI

Din l-Ittra Emendatorja Nru 1 għall-abbozz tal-baġit għall-2018 (IE 1/2018) tkopri dan li ġej:

- L-aġġornament tal-ħtiġijiet stmati, id-dħul assenjat u l-appropriazzjonijiet għan-nefqa agrikola. Minbarra l-fatturi tas-suq li dejjem jinbidlu, l-IE 1/2018 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-agrikoltura minn meta l-AB 2018 kien ippreżentat f'Mejju 2017 kif ukoll proposti oħra li huma mistennija li jkollhom effett sinifikanti matul is-sena baġitarja. B'mod ġenerali, l-impatt fuq il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) huwa relattivament limitat bi tnaqqis ta' impenn u appropriazzjonijiet ta' pagament b'EUR 53,9 miljun.
- It-tnaqqis tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fir-riżerva għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) biex jittieħed kont ta' forniment minn qabel (ta' flus) ġie deċiż riċentement mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fid-deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-FSUE għall-Italja wara sensiela ta' terremoti li seħħew bejn Awwissu 2016 u Jannar 2017 fir-reġjuni ta' Abruzzo, Lazio, Marche u Umbria.
- L-aġġornament tal-livelli ta' appropriazzjonijiet u l-pjanijiet ta' stabbiliment tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) wara l-aħħar proposta mressqa mill-Kummissjoni.
- L-aġġustament tal-pjan ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (EUROFOUND).
- Il-ħolqien tal-istruttura baġitarja għall-kostijiet operattivi li l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) se ġġarrab fl-implimentazzjoni tal-Korp ta' Solidarjetà Ewropew propost.
- L-aġġustament ta' xi nefqa amministrattiva.

2. IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)

Il-Kummissjoni tipproponi li taġġorna l-istimi tan-nefqa għall-agrikoltura b'-EUR 53,9 miljun meta mqabbla mal-AB 2018. Huwa propost l-ibbaġitarjar għall-appropriazzjonijiet għan-nefqa agrikola ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fl-IE 1/2018 għal EUR 43 464,4 miljun, li huwa anqas mill-bilanċ nett tal-2018 disponibbli għan-nefqa tal-FAEG ("sottolimitu nett") ta' EUR 44 162,4 miljun³. Minkejja żieda netta fil-ħtiġijiet tal-FAEG b'EUR 188,1 miljun, l-appropriazzjonijiet tal-FAEG meta mqabbla mal-AB 2018 jistgħu jitnaqqsu billi din iż-żieda hija kkompensata bis-sħiħ bid-dħul addizzjonali assenjat lill-FAEG (+EUR 242,0 miljun).

Għalhekk, l-appropriazzjonijiet ta' impenn kumplessivi mitluba għall-intestatura 2 fl-AB 2018 inkluż l-IE 1/2018 huma stmati li jammontaw għal EUR 59 499,6 miljun. Dan iħalli marġni ta' EUR 767,4 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn taħt il-limitu massimu tal-QFP korrispondenti. L-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-Intestatura 2 jammontaw għal EUR 56 305,9 wara li tnaqqsu bl-istess ammont (-EUR 53,9 miljun), bħall-appropriazzjonijiet ta' impenn meta mqabbla mal-AB 2018.

2.1 Ħarsa ġenerali

L-għan tal-IE 1/2018 huwa li taġġorna l-istimi għan-nefqa agrikola abbażi tal-aktar dejta ekonomika u qafas leġiżlattiv aġġornati. Sa lejn tmiem Settembru 2017, il-Kummissjoni se jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-ewwel indikazzjoni tal-livell ta' produzzjoni għall-2017, kif ukoll perspettivi għas-swieq tal-agrikoltura, li huma l-bażi għall-istimi aġġornati tal-ħtiġijiet baġitarji għall-2018.

³ Skont il-QFP 2014-2020, is-sottolimitu inizjali tal-FAEG għall-2018 kien jammonta għal EUR 44 889 miljun. Wara li jiġi kkunsidrat ammont nett ta' EUR 726,7 miljun li għandu jkun ittrasferit lejn l-Iżvilupp Rurali, il-bilanċ nett disponibbli tal-2018 għan-nefqa tal-FAEG ("is-sottolimitu nett") jammonta għal EUR 44 162,4 miljun. Il-ħtiġijiet tal-FAEG fl-2018 huma vvalutati vis-à-vis dan is-"sottolimitu nett" tal-FAEG.

Minbarra li tikkunsidra l-fatturi tas-suq, din l-IE 1/2018 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi fis-settur agrikolu minn meta tfassal l-AB 2018 f' Mejju 2017, kif ukoll għal xi ftit li qed jitħejjew iżda li daqt jiġu adottati.

Kumplessivament, il-**ħtiġijiet tal-FAEG 2018** (wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-FAEG relatati mad-“dixxiplina finanzjarja”) issa huma stmati għal EUR 44 710,4 miljun⁴, li hi żieda b'EUR 188,1 miljun meta mqabbel mal-AB 2018. Din iż-żieda hi dovuta l-aktar għal nefqa addizzjonali għal miżuri ta' appoġġ eċċezzjonali fis-settur tal-frott u l-ħaxix, u tal-laħam tal-majjal u dak tat-tjur kif ukoll għal pagamenti ta' mġax relatati ma' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-eks imposti fuq il-produzzjoni taz-zokkor. Barra minn hekk, hemm xi varjazzjonijiet żgħar għall-miżuri tas-suq ġenerali u għan-nefqa relatata ma' deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-kontijiet u tal-konformità taħt il-Kapitolu 05 07 *Awditjar tan-nefqa agrikola ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)*, li huma wkoll inkorporati fl-IE 1/2018. Il-ħtiġijiet għall-Kapitolu 05 03 *Pagamenti diretti mmirati li jikkontribwixxu għall-introjti tal-azjendi agrikoli, biex jillimitaw il-varjabbiltà tal-introjtu tal-azjendi agrikoli u biex jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali u klimatiċi* jibqgħu kważi mhux mibdula meta mqabbla mal-AB 2018.

L-ammont ta' **dħul assenjat** li mistenni li jkun disponibbli fl-2018 jiżdied minn EUR 1 004 miljun fl-AB 2018 għal EUR 1 246 miljun (+EUR 242 miljun), u b'hekk il-ħtiġijiet addizzjonali jiġu kkompensati għalkollox. L-aġġornament tal-istimi jikkonċerna ammonti li joriġinaw minn deċiżjonijiet għall-approvazzjoni tal-kontijiet (+EUR 104,9 miljun) u irregolaritajiet (-EUR 13-il miljun). Barra minn hekk, l-IE 1/2018 tinkorpora riport mistenni ta' dħul assenjat mill-2017 sal-2018 għal ammont ta' EUR 400,1 miljun (“surplus” FAEG mistenni)⁵, li minnu ammont ta' EUR 250 miljun kien diġà inkluż fl-AB 2018. Is-surplus stmat ma jinkludix approprjazzjonijiet mhux użati (EUR 450,5 miljun) tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu tal-2017, li mhux se jintużaw. Dawn l-approprjazzjonijiet mhux użati se jiġu riportati għal rimborż lill-bdiewa soġġetti għad-dixxiplina finanzjarja fl-2018.

Bħala riżultat ta' dawn l-aġġornamenti, l-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 43 464,4 miljun, li jinkludu EUR 459,5 miljun għar-*Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu*, huma meħtieġa biex ikopru l-ħtiġijiet tal-FAEG għall-2018. Dan l-ammont globali jibqa' taħt il-livell tas-sottolimitu nett tal-FAEG ta' EUR 44 162,4 miljun. Dan ifisser li l-mekkaniżmu tad-dixxiplina finanzjarja se jiġi applikat biss biex jistabbilixxi r-riżerva ta' kriżi agrikola għas-sena baġitarja tal-2018⁶.

⁴ L-ammont tal-ħtiġijiet jikkorrispondi għal EUR 43 464,4 miljun ta' approprjazzjonijiet ġodda flimkien ma' EUR 1 246,0 miljun ta' dħul assenjat.

⁵ Din l-istima hija bbażata fuq id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa reali li waslu mingħand l-Istati Membri sax-xahar ta' Awwissu 2017, flimkien mat-tbassir għall-perjodu bejn l-01.09.2017 sa 15.10.2017. Informazzjoni sħiħa dwar in-nefqa reali għal dan il-perjodu li jifdal se tkun disponibbli fl-aħħar ta' Ottubru/fil-bidu ta' Novembru 2017.

⁶ Ir-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti relatati mal-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja fir-rigward tas-sena kalendarja 2017 hija stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1236. Fid-dawl ta' modifiki żgħar għall-pagamenti diretti proposti f' din l-IE 1/2018, l-adattament tar-rata diġà stabbilita mhijiex meħtieġa.

2.2 Kummenti dettaljati

05 02 — Intejbu l-kompetittività tas-settur agrikolu permezz ta' interventi fis-swieq agrikoli (approprjazzjonijiet +EUR 81,8 miljun)

(f'EUR miljun, ċifri aġġustati għall-prezzijiet attwali)

Interventi fis-swieq agrikoli	Abbozz tal-Baġit tal-2018	Ittra Emendatorja Nru 1/2018	Abbozz tal-Baġit tal-2018 (inkl. IE 1/2018)
Ħtiġijiet	2 676,3	+81,8	2 758,1
-Stima tad-dħul assenjat disponibbli fl-2017	400,0	+0,0	400,0
Approprjazzjonijiet mitluba	2 276,3	+81,8	2 358,1

B'mod ġenerali, il-ħtiġijiet għal miżuri ta' intervent fis-swieq agrikoli jżiedu b'EUR 81,8 miljun meta mqabbla mal-AB 2018. L-approprjazzjonijiet mitluba fl-IE 1/2018 jżiedu bl-istess ammont, minħabba li d-dħul assenjat li mistenni jkun disponibbli għall-kapitolu 05 02 (li jammonta għal EUR 400,0 miljun) jibqa' mhux mibdul meta mqabbel mal-AB 2018.

Għall-**frott u l-ħaxix**, iż-żieda proposta b'EUR 12,8 miljun tirrifletti nefqa addizzjonali stmata għall-emenda riċenti tal-miżuri ta' rtirar eċċezzjonali fir-rigward tal-ħawħ u tan-nuċiprisk.⁷

L-approprjazzjonijiet għas-**settur tal-inbid** fuq il-partita tal-baġit 05 02 09 08 li tiffinanzja l-programmi nazzjonali ta' appoġġ huma proposti li jitnaqqsu b'EUR 7,0 miljun, u dan jirrifletti l-aktar ċifri ta' implimentazzjoni riċenti.

L-approprjazzjonijiet għas-**settur tal-ħalib** (artikolu tal-baġit 05 02 12) jżiedu b'EUR 2,0 miljun minħabba stimi aġġornati għal kostijiet ta' ħażna marbuta ma' trab tal-ħalib xkumat li għalihom kwantitajiet akbar milli kien stmat inizjalment għadhom f'ħażna ta' intervent pubbliku.

L-akbar modifika proposta fl-IE 1/2018 għall-miżuri tas-suq tikkonċerna s-**setturi tal-laħam tal-majjal u dak tat-tjur** (l-artikolu tal-baġit 05 02 15) b'żieda ta' EUR 60,0 miljun, relatati ma' miżuri speċifiċi eċċezzjonali lill-bdiewa wara tifqigħat tad-deni Afrikan tal-hniezer⁸ u l-influenza avjarja.

05 03 — Pagamenti diretti mmirati li jikkontribwixxu għall-introjti tal-azjendi agrikoli, biex jillimataw il-varjabbiltà tal-introjtu tal-azjendi agrikoli u biex jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali u klimatiċi (approprjazzjonijiet - EUR 244,5 miljun)

(f'EUR miljun, ċifri aġġustati għall-prezzijiet attwali)

Pagamenti diretti	Abbozz tal-Baġit tal-2018	Ittra Emendatorja Nru 1/2018	Abbozz tal-Baġit tal-2018 (inkl. IE 1/2018)
<i>Wara d-dixxiplina finanzjarja (inkluż krediti għar-“Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu”)</i>			
Ħtiġijiet	41 747,1	-2,5	41 744,6
- Stima tad-dħul assenjat disponibbli fl-2017	604,0	+242,0	846,0
Approprjazzjonijiet mitluba	41 143,1	-244,5	40 898,6

Meta mqabbla mal-AB 2018, l-approprjazzjonijiet mitluba għall-kapitolu 05 03 huma riveduti 'l isfel b'EUR 244,5 miljun. Din il-bidla hija dovuta l-aktar għall-ammont oġġla ta' dħul assenjat (+EUR 242,0 miljun) għall-partita 05 03 01 10 *Skema ta' Pagament Bażiku (SPB)*. B'mod ġenerali, abbażi tal-aktar dejta riċenti dwar l-implimentazzjoni, hija proposta biss bidla żgħira tal-ħtiġijiet (-EUR 2,5 miljun) għall-pagamenti diretti. Hemm xi varjazzjonijiet bejn partiti baġitarji għall-pagamenti diretti, li jirriflettu l-informazzjoni aġġornata dwar l-għażliet ta' implimentazzjoni magħmula mill-Istati Membri. L-aktar importanti minn dawn fl-IE 1/2018 tikkonċerna l-pagament ta' “ekoloġizzazzjoni” (+EUR 95,0 miljun fuq il-partita 05 03 01 11), pagamenti għall-bdiewa żgħażaġh (+EUR 34,0 miljun

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1533 tat-8 ta' Settembru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/1165 fir-rigward miżuri temporanji eċċezzjonali ta' appoġġ għall-produtturi tal-ħawħ u tan-nuċiprisk fil-Greċja, fi Spanja u fl-Italja.

⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1536 tal-11 ta' Settembru 2017 dwar miżura ta' emerġenza fil-forma ta' għajjnuna lill-irziezet b'mhux aktar minn 50 animal tal-ispeċi porċina li jinsabu f'ċerti żoni tal-Polonja meta jieqfu jipproduċu l-laħam tal-majjal minħabba rekwiżiti ġodda fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer.

fuq il-partita 05 03 01 13), il-pagament ridistributtiv (+EUR 14,0-il miljun fuq il-partita 05 03 01 07) u l-iskema għall-bdiewa żgħar (-EUR 110,0 miljun fuq il-partita 05 03 02 61).

Nefqa agrikola oħra ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) (approprijazzjonijiet +EUR 108,8 miljun)

L-approprijazzjonijiet għall-partiti baġitarji 05 07 01 06 *Korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet* u 05 07 01 07 *Korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità* jridu jiżdedu b'EUR 1,4 miljun u EUR 5,2 miljun rispettivament, fatt li jirrifletti l-impatt finanzjarju ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jemendaw il-korrezzjonijiet finanzjarji għas-snin preċedenti. L-approprijazzjonijiet għall-artikolu tal-baġit 05 07 02 *Soluzzjoni ta' tilwim* iridu jiżdedu b'EUR 102,2 miljun bħala konsegwenza ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-eks imposti fuq il-produzzjoni taz-zokkor.

L-ammont jirrigwarda l-kost stmat ta' pagamenti ta' mgħax li jirriżulta mid-deċiżjoni dwar il-kawża Tirlmontoise (C-585/15) li tikkonċerna s-snin ta' kummerċjalizzazzjoni taz-zokkor 1999/2000 u 2000/2001⁹.

2.3 L-effett kombinat fuq AB 2018

(f'EUR)

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjonijiet ta' impenn	Approprijazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsimha III — Il-Kummissjoni Ewropea</i>			
05 02 08 03	Fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi	12 000 000	12 000 000
05 02 08 99	Miżuri oħrajn (frott u ħaxix)	800 000	800 000
05 02 09 08	Programmi nazzjonali ta' sostenn għas-settur tal-inbid	7 000 000	7 000 000
05 02 12 02	Miżuri tal-ħażna tat-trab tal-ħalib xkumat	2 000 000	2 000 000
05 02 15 99	Miżuri oħrajn (tal-laħam tal-majjal, tjur, bajd, apikoltura, prodotti oħrajn mill-annimali)	60 000 000	60 000 000
05 03 01 02	Skema ta' pagament uniku skont l-erja (SPUE)	2 000 000	2 000 000
05 03 01 07	Pagament ridistributtiv	14 000 000	14 000 000
05 03 01 10	Skema ta' pagament bażiku (BPS)	-275 000 000	-275 000 000
05 03 01 11	Pagament għal prattiki agrikoli benefiċjali għall-klima u l-ambjent	95 000 000	95 000 000
05 03 01 13	Pagament għal bdiewa żgħażaġh	34 000 000	34 000 000
05 03 01 99	Oħrajn (pagamenti diretti diżakkoppjati)	500 000	500 000
05 03 02 40	Pagament għall-qoton, speċifiku skont l-għelejjel	-4 000 000	-4 000 000
05 03 02 44	Sostenn speċifiku (l-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) Nru 73/2009) — Pagamenti diretti akkoppjati	-3 000 000	-3 000 000
05 03 02 60	Skema volontarja ta' appoġġ akkoppjat	4 000 000	4 000 000
05 03 02 61	Skema tal-bdiewa żgħar	-110 000 000	-110 000 000
05 03 02 99	Oħrajn (pagamenti diretti)	-2 000 000	-2 000 000
05 07 01 06	Nefqa għal korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġjar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsimha tal-Garanziji tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG	1 400 000	1 400 000
05 07 01 07	Nefqa għal korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri wara	5 200 000	5 200 000

⁹ Bħalissa qed titħejja komunikazzjoni speċifika mill-Kummissjoni lill-Kunsill, akkumpanjata minn proposta ġdida dwar l-iffissar tal-imposti ta' produzzjoni ġodda u l-koeffiċjent għall-kalkolu tal-imposta addizzjonali fis-settur taz-zokkor għal dawn is-sentejn ta' kummerċjalizzazzjoni 1999/2000 u 2000/2001. Din se tkun simili għall-Komunikazzjoni ta' qabel tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2013) 526 final) ta' 17.7.2013 wara d-deċiżjoni tal-Qorti dwar l-hekk imsejħa kawża "Jülich u oħrajn" fl-2012.

(f'EUR)

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjon ijiet ta' impenn	Approprjazzjon ijiet ta' pagament
	deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-konformità tal-kontijiet tas- snin preċedenti fir-rigward tal-immaniġġjar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG		
05 07 02	Soluzzjoni tat-tilwim	102 200 000	102 200 000
Total		-53 900 000	-53 900 000

3. IL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UNJONI EWROPEA (FSUE)

Fis-26 ta' Ġunju 2017¹⁰, il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) għal ammont ta' EUR 1 196,8 miljun biex tingħata assistenza lill-Italja b'rispons għal sensiela ta' terremoti li seħħew bejn Awwissu 2016 u Jannar 2017 fir-reġjuni ta' Abruzzo, Lazio, Marche u Umbria. Din il-mobilizzazzjoni kienet akkumpanjata mill-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 4/2017¹¹ li jipproponi li l-appropriazzjonijiet meħtieġa jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-2017, kemm f'impenji u kemm f'pagamenti, wara li jkun tnaqqas il-pagament antiċipat li diġà tħallas fl-2016.

L-ammont li seta' jiġi mobilizzat f'dan l-istadju tas-sena 2017 kien ta' EUR 902,8 miljun, li jikkorrispondi għall-ammont totali disponibbli għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-bidu tal-2017 (EUR 1 115,1 miljun), bit-tnaqqis tal-mobilizzazzjoni ta' qabel¹² (EUR 71,5 miljun), bit-tnaqqis tal-ammont miżmum ta' EUR 140,8 miljun sabiex jitħares l-obbligu ta' twarrib ta' 25 % tal-allokkazzjoni annwali tal-2017 sal-1 ta' Ottubru 2017 kif stipulat mill-Artikolu 10(1) tar-regolament dwar il-QFP¹³.

Dan l-ammont mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-mobilizzazzjoni sħiħa tal-FSUE għall-Italja. Madankollu, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar il-QFP ġew issodisfati u proponiet biex tkopri d-differenza ta' EUR 294,0 miljun mill-ammont annwali disponibbli fl-2018.

Kemm id-deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni u l-ABE Nru 4/2017 ġew definittivament adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2017.

Minħabba din is-sitwazzjoni eċċezzjonali ta' forniment minn qabel (ta' flus) fl-2017, huwa meħtieġ li jitnaqqas b'mod xieraq l-ammont imniżżel bħala riżerva fl-AB 2018, f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament. L-għan ta' din ir-riżerva hu maħsub biex jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FSUE permezz ta' trasferimenti simultanji għad-deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Peress li tali approċċ inaqqas il-ħtieġa għal baġits emendatorji, b'hekk jitħaffef il-proċess tal-mobilizzazzjoni tal-FSUE.

(f'EUR)

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsimha III — Il-Kummissjoni Ewropea</i>			
40 02 44	Riżerva għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea	-293 628 245	-112 000 000
Total		-293 628 245	-112 000 000

4. AĠENZIJI

4.1 Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)

Fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament¹⁴ f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' Kontropartijiet Ċentrali (CCPs) u r-reqwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi.

¹⁰ COM(2017) 540, 26.6.2017.

¹¹ COM(2017) 541, 26.6.2017.

¹² Id-Deċiżjoni (UE) 2017/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdi assistenza lir-Renju Unit, lil Ċipru u lill-Portugall (ĠU L 111, 24.4.2017, p. 6) u l-Baġit Emendatorju Nru 1/2017 (ĠU L 136, 24.5.2017, p. 1) li jakkumpanjahha.

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill 2013/1311 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, ĠU L 34, 20.12.2013, p. 884.

¹⁴ COM(2017) 331, 13.6.2017.

Bħalissa hemm 17-il CCP stabbiliti fl-UE, li kollha kemm huma, huma awtorizzati li joffru s-servizzi tagħhom fl-Unjoni. Ġew rikonoxxuti 28 CCP ta' pajjiżi terzi addizzjonali, u b'hekk dawn ikunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fl-UE. Tnax-il CCP oħra minn 10 ġurisdizzjonijiet applikaw għal rikonoxximent u qed jistennew deċiżjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, volum sostanzjali ta' tranżazzjonijiet tad-derivati ddenominati f'euro (u tranżazzjonijiet oħra soġġetti għall-obbligu tal-ikklijar tal-UE) attwalment qed ikunu kklirjati fis-CCPs li jinsabu fir-Renju Unit.

Minħabba ż-żieda fl-għadd ta' CCPs ta' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tipproponi li jingħata mandat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-ESMA, Pariġi) biex tkun inkarigata minn firxa usa' ta' kompiti superviżorji b'rabta ma' dawn is-CCPs. Ġie preżunt li r-Regolament se jidħol fis-seħħ f'nofs l-2018. L-ESMA se teħtieġ aktar riżorsi umani u finanzjarji biex twettaq il-ħidmiet il-ġodda tagħha skont ir-Regolament tas-CCP, b'introduzzjoni gradwali matul il-perjodu 2018–2020.

Għas-sena 2018, huma mitluba 20 aġent temporanju addizzjonali (biex jiġu reklutati fil-grad AD7) u 10 esperti nazzjonali ssekondati, li jibdeu minn Awwissu 2018 'il quddiem. In-nefqa relatata, b'mod partikolari għal salarji, spejjeż ta' missjonijiet u l-kera tal-uffiċċji, tammonta għal EUR 4,3 miljun fl-2018, u huwa mistenni li tiġi koperta minn tariffi mill-industrija. Madankollu, peress li l-introduzzjoni ta' tariffi se tkun teħtieġ l-adozzjoni minn qabel ta' att delegat tal-Kummissjoni, il-kostijiet imġarrba fl-2018 se jkollhom bżonn jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE (li għandhom jittieħdu mill-marġni mhux allokat taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-Intestatura 1a), u mogħtija lura lill-baġit tal-UE sa mhux aktar tard mill-2020.

(f'EUR)

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsim III — Il-Kummissjoni Ewropea</i>			
12 02 06	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	4 310 555	4 310 555
Total		4 310 555	4 310 555

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa stabbilit fl-anness baġitarju.

4.2 Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (EUROFOUND)

Il-mira tat-tnaqqis tal-persunal għall-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (EUROFOUND) f'Dublin tissarraf fi tnaqqis ta' żewġ karigi fl-2018, jiġifieri minn 93 kariga awtorizzati fil-baġit tal-2017 għal 91 kariga fl-abbozz tal-baġit tal-2018, li minnhom 49 kariga kienu proposti fil-grupp ta' funzjonijiet għall-Amministraturi u 42 kariga fil-grupp ta' funzjonijiet għall-Assistenti.

Wara t-tluq ta' żewġ uffiċjali fil-grupp ta' funzjonijiet għall-Amministraturi, l-Aġenzija issa talbet li tpartat żewġ karigi permanenti għal uffiċjali ma' żewġ karigi temporanji għal aġenti temporanji fil-grupp ta' funzjonijiet għall-Amministraturi. Dan iżomm l-għadd globali ta' karigi fil-grupp ta' funzjonijiet għall-Amministraturi stabbli fil-livell mitlub inizjalment għall-2018 (49). Dan ma għandu l-ebda impatt fuq in-nefqa.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa stabbilit fl-anness baġitarju.

4.3 Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)

Skont ir-riżultati preliminari tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji li se jiġu ppreżentati lill-Kumitat għall-Aġenzija Eżekuttiva fil-qafas tal-pakkett ta' delega li jmiss, il-Kummissjoni se tipproponi li tinkariga lill-EACEA b'kompiti ta' implimentazzjoni fil-kuntest ta' Korp Ewropew ta' Solidarjetà ġdid (ESC – European Solidarity Corps) propost fit-30 ta' Mejju 2017¹⁵. Dawn il-kompiti jinkludu t-tnedija u l-konklużjoni ta' proċeduri ta' għotjiet u akkwisti, il-monitoraġġ tal-proġetti, il-kontroll finanzjarju u l-kontabilità, il-kontribut għall-evalwazzjoni tal-programmi u diversi kompiti ta' appoġġ.

Il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' partita baġitarja 15 01 06 03 *Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Korp Ewropew ta' Solidarjetà* li tkopri l-kostijiet operattivi li l-EACEA se ġġarrab fl-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ESC).

L-ebda approprjazzjoni mhi se tkun allokata għall-partita tal-baġit fl-istennija tar-riżultat tal-proċedura leġislattiva u l-konsultazzjoni tal-Kumitat dwar l-Aġenzija Eżekuttiva. Il-ħolqien ta' dan il-punt b'entrata "*pro memoria*" se jippermetti li l-Kummissjoni tittrasferixxi l-appropriazzjonijiet meħtieġa malajr, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, ladarba tkun ġiet adottata l-bażi ġuridika tal-ESC sabiex ma jkunx hemm dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet. Dan iwassal għal opportunitajiet ta' mobbiltà għaż-żgħażaġh li jkunu disponibbli malajr matul l-2018.

(f'EUR)

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsim III — Il-Kummissjoni Ewropea</i>			
15 01 06 03	Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Korp Ewropew ta' Solidarjetà	p.m.	p.m.
Total		-	-

5. AMMINISTRAZZJONI

5.1 L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

Fid-Dikjarazzjoni tal-Istimi tiegħu għas-sena finanzjarja 2018, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) talab il-konverżjoni ta' kariga waħda AD15 temporanja f'pożizzjoni AD15 permanenti fil-pjan ta' stabbiliment tal-OLAF mill-1 ta' Jannar 2018.

Madankollu, minħabba d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rigward il-persunal, magħmula fil-kuntest tal-proċedura ta' reklutaġġ tad-Direttur Ġenerali l-ġdid tal-OLAF, din il-konverżjoni mitluba ġiet irtirata, b'tali mod li l-kariga tibqa' temporanja.

Il-modifiki mhuma se jikkawżaw l-ebda impatt fuq in-nefqa tal-OLAF. Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa stabbilit fl-anness baġitarju.

5.2 L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP)

Fil-kuntest ta' modernizzazzjoni tal-proċessi ta' appoġġ u l-istabbiliment ta' metodi ta' ħidma mtejba, il-Kummissjoni stabbiliet aġenda ta' trasformazzjoni diġitali, speċjalment fl-oqsma ta' konsolidazzjoni ta' ċentri tad-dejta lokali, it-tagħmir tal-ICT u s-sigurtà. F'dan il-qafas u b'kooperazzjoni mill-qrib mad-Direttorat Ġenerali għall-Informatika (DIGIT), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP) iddeċieda, fil-21 ta' Novembru 2016 li jniedi proġett tal-konsolidazzjoni tal-IT fi tliet oqsma prinċipali: in-netwerk u t-telekomunikazzjoni, il-post tax-xogħol diġitali u l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u ċentri ta' dejta.

¹⁵ COM(2017) 262, 30.5.2017.

Il-benefiċċju prinċipali tal-konsolidazzjoni se jiġi minn ekonomiji ta' skala miksuba mill-proċess ta' industrijalizzazzjoni.

Sabiex jiġi implimentat dan il-proġett, 14-il kariga (3 AD u 11-il AST) li huma attwalment assenjati lill-OP fis-setturi tal-Infrastruttura tal-IT u tal-Produzzjoni se jkollhom jiġu trasferiti lill-Kummissjoni f'DĠ DIGIT. Dawn il-karigi jirrappreżentaw ir-riżorsi meħtieġa fil-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz għall-operazzjonijiet tal-OP.

F'dan il-kuntest ġiet iffirmata konvenzjoni bejn l-OP u DIGIT fit-30 ta' Mejju 2017 u dan jiffa' dawl fuq ir-raġuni għaliex ma kienx possibbli li dan iċ-ċaqliq ta' karigi jiġi inkluż fl-AB 2018.

Għaldaqstant, huwa propost li jiġu trasferiti 14-il kariga u l-appropriazzjonijiet ta' salarju relatati mill-OP għall-Kummissjoni, sa mill-1 ta' Jannar 2018.

L-impatt ta' dan it-trasferiment fuq l-appropriazzjonijiet huwa newtrali. Il-proposta aġġornata tal-pjanijiet ta' stabbiliment għall-Kummissjoni (amministrazzjoni) u għall-OP huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

(f'EUR)

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsimi III — Il-Kummissjoni Ewropea</i>			
XX 01 01 01 01	Remunerazzjoni u Gratifiki	1 238 000	1 238 000
XX 01 01 01 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti, u terminazzjoni tas-servizz	1 000	1 000
XX 01 01 01 03	Aġġustamenti għar-remunerazzjoni	12 000	12 000
26 01 09 (A2 01 01)	L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet	-1 251 000	-1 251 000
Total		-	-

5.3 Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)

5.3.1 L-involvement fil-futur tal-UE mal-Afganistan wara t-tmiem tal-mandat b'funzjoni doppja tar-RSUE għall-Afganistan

Il-mandat b'funzjoni doppja tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għall-Afganistan spiċċa fil-31 ta' Awwissu 2017. Fl-isfond tal-mandat politiku msaħħaħ bil-kbir tal-Kaprijiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE biex jirrappreżentaw lill-UE b'mod komprensiv f'pajjiżi terzi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u b'kont meħud tal-fehmiet tal-Parlament Ewropew¹⁶, ir-Rappreżentant Għoli ddeċidiet li ma tipproponix il-ħatra ta' RSUE ieħor għall-Afganistan wara l-iskadenza tal-mandat attwali. L-involvement fil-futur tal-UE mal-Afganistan minflok se jiġi appoġġat minn żewġ entitajiet suċċessuri tar-RSUE:

- Mibgħut Speċjali tal-UE bbażat b'Brussell inħatar fl-1 ta' Settembru 2017 u ħa f'idejh il-kompiti tar-RSUE ta' koordinazzjoni reġjonali u internazzjonali relatata mal-proċess ta' paċi, stabbilizzazzjoni u rikonċiljazzjoni fl-Afganistan. Il-Mibgħut Speċjali se jkun appoġġat minn żewġ konsulenti politiċi u assistent wieħed.
- Id-delegazzjoni tal-UE f'Kabul se tissaħħaħ permezz ta' Taqsimi Politika, tal-Istampa u tal-Infurmazzjoni (PPI – Political, Press and Information) ġdida. Dan se jippermettilha tassumi r-rwol mistenni tagħha b'mod sħiħ, inkluż li takkumpanja l-programm komprensiv ta' riforma tal-

¹⁶ B'mod partikolari l-punt 101 tar-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar it-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Afganistan, l-implimentazzjoni ta' ftehimiet għall-paċi, l-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku u l-implimentazzjoni tal-assistenza tal-UE għall-iżvilupp.

Dan il-kunċett kien ippreżentat lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà fit-13 ta' Ġunju 2017 mingħajr ebda oġġezzjoni minn Stati Membri tal-UE.

Billi l-ispejjeż għal uffiċċju tal-Mibgħut Speċjali kważi kollha se jkunu koperti minn riallokazzjonijiet fi ħdan il-baġit amministrattiv attwali tas-SEAE, se tkun meħtieġa żieda tal-baġit tas-SEAE biex tkopri kostijiet addizzjonali relatati mat-twaqqif ta' taqsima ġdida tal-PPI fid-Delegazzjoni tal-UE f'Kabul u spejjeż oħrajn amministrattivi relatati mal-infrastruttura u s-sigurtà, li bħalissa huma koperti mir-RSUE.

Din iż-żieda tal-baġit amministrattiv tas-SEAE (Intestatura 5, it-Taqsima X tal-baġit tal-UE) fl-2018 tammonta għal EUR 4,5 miljun (kost ta' sena sħiħa).

Globalment, iż-żieda se tiġi kkompensata minn frankar fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK, Intestatura 4, it-Taqsima III tal-Baġit tal-UE) li jirriżulta mill-għeluq tar-RSUE fl-Afganistan, stmata għal EUR 10,2 miljun. Huwa propost li l-bilanċ ta' EUR 5,7 miljun jibqa' fil-baġit tal-PESK biex ikopri kwalunkwe azzjoni ġdida oħra li ma tistax tiġi pprogrammata minn qabel.

It-tranżizzjoni proposta tirrappreżenta wkoll simplifikazzjoni amministrattiva, peress li s-SEAE ma jkollux aktar bżonn li jżomm sistema kumplessa ta' reġistrazzjonijiet paralleli għan-nefqa li saret għan-nom tar-RSUE għall-Afganistan.

5.3.2 *Tranżizzjoni ta' ċerti kompiti għall-Monitoraġġ, l-Igwidar u l-Konsulenza (MIK) minn EULEX Kosovo għall-Uffiċċju tal-UE fil-Kosovo*

Bħala riżultat tar-Rieżami Strateġiku 2015/2016 u t-tneħħija gradwali ta' EULEX Kosovo, il-Kunsill talab lis-SEAE biex iħejji strateġija ta' tranżizzjoni.

Ġie ppreżentat kunċett ta' tranżizzjoni għal EULEX lill-Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġar ta' Kriżijiet (CivCom) fit-13 ta' Marzu 2017 fejn ġie propost it-trasferiment ta' ċerti kompiti tal-MIK lill-Uffiċċju tal-UE, li għalhekk irid jissaħħaħ b'pożizzjonijiet ġodda ta' konsulenti strateġiċi tal-Istat ta' Dritt u ta' persunal amministrattiv iffinanzjati mill-baġit amministrattiv tas-SEAE.

Fuq dik il-bażi, CivCom qabel dwar dan il-kunċett fl-24 ta' April 2017 u l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) approvah fit-28 ta' April 2017, biex b'hekk stieden lis-SEAE biex iħejji t-tranżizzjoni.

Ġie stmat li 12-il kariga ġdida se tkun meħtieġa fl-Uffiċċju tal-UE (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali ssekondati u aġenti lokali) biex iwettqu l-kompiti u ż-żieda relatata fix-xogħol amministrattiv. Dawn il-karigi ġodda jstgħu jwasslu għal żieda tal-baġit amministrattiv tas-SEAE ta' EUR 0,5 miljun għas-sitt xhur u nofs ikkonċernati fl-2018. L-ammont sħiħ fuq bażi annwali jkun ta' EUR 0,8 miljun, li se jkun il-punt ta' referenza għall-baġit 2019 u tas-snin ta' wara.

Abbażi tal-preżunzjonijiet kurrenti, it-tnaqqis korrispondenti ta' karigi fi ħdan il-missjoni EULEX jammonta għal 41, li jwassal għal iffrankar mistenni ta' EUR 1,8 miljun fl-2018 fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni¹⁷. Huwa propost li l-bilanċ ta' EUR 1,3 miljun jibqa' fil-baġit tal-PESK biex ikopri kwalunkwe azzjoni ġdida oħra li ma tistax tiġi pprogrammata minn qabel.

Huwa mistenni li, ladarba titlesta, it-tranżizzjoni tal-kompiti MIK ta' EULEX se twassal għal tnaqqis ulterjuri ta' 37 kariga addizzjonali (24 internazzjonali u 13 lokali), li jammontaw għal 78 b'kollox, li madankollu se tirrikjedi madwar 10 kariga addizzjonali li jkun iffinanzjati permezz ta' żieda fil-baġit amministrattiv tas-SEAE.

¹⁷ Dan l-iffrankar huwa stmat fuq bażi annwali sħiħa, peress li l-baġits annwali tal-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni jiġu impenjati b'mod sħiħ ma' kull tiġdid tal-mandat.

5.3.3 Linja baġitarja separata għall-kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej

Għal raġunijiet ta' trasparenza u armonizzazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra, qed jiġi propost li tinħoloq partita tal-baġit ġdida li turi l-kontribuzzjoni tas-SEAE għall-Iskejjel Ewropej tat-tip 2.

Din in-nefqa, li tammonta għal EUR 20 000 fis-sena, attwalment hija ffinanzjata minn xi punt ieħor relatat mal-persunal, li se titnaqqas skont dan. L-operazzjoni hija għalhekk newtrali għall-baġit.

5.3.4 L-effett kombinat fuq AB2018

(f'EUR)

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni ta' impenn	Approprjazzjoni ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni Ewropea</i>			
19 03 01 02	EULEX Kosovo	-1 821 000	-1 821 000
19 03 01 05	Miżuri ta' emerġenza	7 001 000	7 001 000
19 03 01 07	Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea	-10 200 000	-10 200 000
Subtotal tat-Taqsima III		-5 020 000	-5 020 000
<i>Taqsim X – Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna</i>			
1 1 0 2	Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin ma' ċirkostanzi personali tal-membri tal-persunal	-20 000	-20 000
1 4 0	Missjonijiet	75 000	75 000
1 5 0 4	Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati	20 000	20 000
3 0 0 1	Persunal estern u servizzi minn barra	1 023 000	1 023 000
3 0 0 2	Nefqa oħra marbuta mal-persunal	212 000	212 000
3 0 0 3	Bini u kostijiet relatati	3 635 000	3 635 000
3 0 0 4	Nefqa amministrattiva oħra	75 000	75 000
Subtotal tat-Taqsima X		5 020 000	5 020 000
Total		-	-

6. TABELLA TA' SOMMARJU SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura	Abbozz tal-Baġit tal-2018		Ittra Emendatorja 1/2018		Abbozz tal-Baġit tal-2018 (inkl. IE1/2018)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	77 249 180 217	66 845 867 101	4 310 555	4 310 555	77 253 490 772	66 850 177 656
<i>Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impjenji</i>	891 685 985				891 685 985	
<i>Limitu Massimu</i>	76 420 000 000				76 420 000 000	
<i>Marġni</i>	62 505 768				58 195 213	
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjegji	21 841 301 956	20 082 398 844	4 310 555	4 310 555	21 845 612 511	20 086 709 399
<i>Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impjenji</i>	658 352 652				658 352 652	
<i>Limitu Massimu</i>	21 239 000 000				21 239 000 000	
<i>Marġni</i>	56 050 696				51 740 141	
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	55 407 878 261	46 763 468 257			55 407 878 261	46 763 468 257
<i>Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impjenji</i>	233 333 333				233 333 333	
<i>Limitu Massimu</i>	55 181 000 000				55 181 000 000	
<i>Marġni</i>	6 455 072				6 455 072	
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	59 553 523 122	56 359 793 633	- 53 900 000	- 53 900 000	59 499 623 122	56 305 893 633
<i>Limitu Massimu</i>	60 267 000 000				60 267 000 000	
<i>Marġni</i>	713 476 878				767 376 878	
<i>Li minnhom: Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti</i>	43 518 316 899	43 472 477 466	- 53 900 000	- 53 900 000	43 464 416 899	43 418 577 466
<i>Sottolimitu</i>	44 163 000 000				44 163 000 000	
3. Sigurtà u ċittadinanza	3 473 056 199	2 963 847 175			3 473 056 199	2 963 847 175
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilità</i>	817 056 199				817 056 199	
<i>Limitu Massimu</i>	2 656 000 000				2 656 000 000	
<i>Marġni</i>						
4. Ewropa Globali	9 593 045 411	8 951 045 154	- 5 020 000	- 5 020 000	9 588 025 411	8 946 025 154
<i>Limitu Massimu</i>	9 825 000 000				9 825 000 000	
<i>Marġni</i>	231 954 589				236 974 589	
5. Amministrazzjoni	9 682 398 486	9 684 953 486	5 020 000	5 020 000	9 687 418 486	9 689 973 486
<i>Limitu Massimu</i>	10 346 000 000				10 346 000 000	
<i>Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza</i>	- 570 000 000				- 570 000 000	
<i>Marġni</i>	93 601 514				88 581 514	
<i>Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet</i>	7 591 229 286	7 593 784 286	5 020 000	5 020 000	7 596 249 286	7 598 804 286
<i>Sottolimitu</i>	8 360 000 000				8 360 000 000	
<i>Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza</i>	- 570 000 000				- 570 000 000	
<i>Marġni</i>	198 770 714				193 750 714	
Total	159 551 203 435	144 805 506 549	- 49 589 445	- 49 589 445	159 501 613 990	144 755 917 104
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilità</i>	817 056 199	667 152 692			817 056 199	667 152 692
<i>Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impjenji</i>	891 685 985				891 685 985	
<i>Limitu Massimu</i>	159 514 000 000	154 565 000 000			159 514 000 000	154 565 000 000
<i>Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza</i>	- 570 000 000				- 570 000 000	
<i>Marġni</i>	1 101 538 749	10 426 646 143			1 151 128 194	10 476 235 588
Strumenti speċjali oħra	1 090 902 000	619 600 000	- 293 628 245	- 112 000 000	797 273 755	507 600 000
Total kumplessiv	160 642 105 435	145 425 106 549	- 343 217 690	- 161 589 445	160 298 887 745	145 263 517 104